

MISTOQSIJA BIL-MIKTUB E-5910/07  
minn Simon Busuttil (PPE-DE)  
lill-Kummissjoni

Suġġett: Implimentazzjoni tal-liġi ta' l-UE dwar il-kuntratti għal termini ta' żmien fiss f'Malta

In segwitu għall-mistoqsijiet parlamentari E-2530/07 u E-3498/07, tista' l-Kummissjoni tirraporta xi żviluppi dwar jekk l-Avviż Legali 51 ta' l-2007 huwiex kompatibbli mad-Direttiva 1999/70/KE<sup>1</sup> in kwantu jeskludi ċertu kategoriji ta' ħaddiema mill-benefiċċji ta' din id-Direttiva?

B'mod partikolari, fit-tweġiba tagħhom għal E-2530/07 il-Kummissjoni kienet qalet illi "Wara valutazzjoni preliminari tar-regolamenti ġodda, il-Kummissjoni nnutat li kien fihom eżenzjonijiet ... li jidhru li jqajmu kwistjonijiet ta' kompatibilità mad-Direttiva 1999/70/KE".

Tista' l-Kummissjoni tikkonferma l-pożizzjoni tagħhom u x'għandha l-ħsieb li tagħmel dwar din il-pendenza?

---

<sup>1</sup> JO L 175 du 10.7.1999, p. 43.

